**3 ta' April, 1962**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Salvatore Fenech

*versus*

Emmanuele Borg

**Sentenza — Nullità — Ċitazzjoni — Notifika — Appell — Ritrattazzjoni — Liberazzjoni "ab observantia".**

*Jekk sentenza tingħata meta l-konvenut ma kienx ġie notifikat bl-att taċ-ċitazzjoni, ir-rimedju tal-konvenut biex jimpunja dik is-sentenza mhuwiex dak li jitlob b'kawża oħra n-nullità ta' dik is-sentenza, imma jew ir-rimedju ordinarju tal-appell, jew ir-ritrattazzjoni.*

*Jekk dan il-konvenut jitlob in-nullità ta' dik is-sentenza b'kawża oħra, ikun hemm lok għal-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li jippremetti illi l-konvenut ottjena fl-24 ta' Ġunju 1961 sentenza sabiex jiġi awtorizzat jeżegwixxi sentenza oħra ta' din l-istess Qorti mogħtija fil-15 ta' Ottubru 1955, mħabba

li kienu għaddew aktar minn tliet snin; u illi in eżekuzzjoni ta' din is-sentenza il-konvenut ottjena fid-9 ta' Novembru 1961 l-ispedizzjoni ta' mandat ta' elevazzjoni kontra tiegħu għas-somma komplessiva ta' £20. 17. 8d, oltre l-ispejjeż tal-istess mandat; u illi hu ma kienx ġie notifikat biċ-ċitazzjoni ntiża sabiex il-konvenut ikun jista' jgħaddi għall-eżekuzzjoni tas-sentenza oriġinali mogħtija minn din il-Qorti fil-15 ta' Ottubru 1955, u dan kif jiġi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawża; jitlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet opportuni u senjatament dik li hu ma ġietx notifikat biċ-ċitazzjoni li ġiet deċiża fl-24 ta' Ġunju 1961, u mogħtija il-provvedimenti opportuni, jiġi dikjarat u deċiż illi l-imsemmija sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' Ġunju 1961 hija nulla u ta' ebda effett, billi hu ma ġiex notifikat biċ-ċitazzjoni relattiva; u konsegwentement ma għandhiex tiġi revokata l-eżekuzzjoni tal-imsemmi mandat ta' qbid tad-9 ta' Novembru 1961, ottenut in eżekuzzjoni tal-istess sentenza tal-24 ta' Ġunju 1961 u dik preċedenti tal-15 ta' Ottubru 1955. Bl-ispejjeż;

*Omissis:*

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jitlob deklaratorja ta' nullità tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Ġunju 1961 indikata fiċ-ċitazzjoni, billi jallega illi hu, li kien jidher fiha bħala l-parti konvenuta, ma kienx ġie notifikat biċ-ċitazzjoni relattiva;

Illi l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut għandha tiġi milqugħa. Infatti, kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Marzu 1865, in re "Xerri Decaro vs. Micallef", "non può secondo la legge prendersi cognizione della nullità di una decisione se non per via di appello o per via di ritrattazione"; u f'sens konformi l-istess Onorabbli Qorti fit-12 ta' Diċembru 1870, in re "Gollcher vs. Miller", irriteniet illi "una sentenza definitiva non può secondo la legge essere impugnata che col rimedio ordinario dell' appello, o della ritrattazione, se vi è luogo se mai è già passata in cosa giudicata";

Illi, għalhekk, ir-rimedju għall-attur li jimpunja s-sen-

tenza minnu msemmija u ndikata fiċ-ċitazzjoni, għar-raġuni minnu pretiża, mhuwiex dak tal-kawża odjerna, imma dak tar-ritrattazzjoni tal-kawża minnu msemmija;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-imsemmija *eċċezzjoni* sollevata *mill*-konvenut, tiddikjara irritu u null l-att taċ-ċitazzjoni, u tillibera l-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju. L-ispejjeż iħallashom l-attur.